



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006
KUMM(2006) 914 finali

2006/0302 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li temenda

**Id-Direttiva 2002/96/KEdwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE),
rigward is-setgħat ta' implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li temenda

**Id-Direttiva 2002/96/KEDwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE),
rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175, paragrafu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni³,

Jägħixxu b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁴,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ tistipula li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni⁶.
- (2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE għiet emodata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE li daħħlet proċedura regolatorja bi skrutinju li għandha tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni ta' natura ġenerali li jfīxxu jemendaw elementi li mhumiex esenzzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 251 tat-Trattat, billi jitneħħew xi ffit minn dawk l-elementi jew billi jissupplixxu l-istruмент permezz taż-żieda ta' dawk l-elementi ġodda li mhumiex esenzzjali.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴

⁵ ÖU L 37, tat-13.02.2003, p. 24-39

⁶ ĠU L 184, tas-17.7.2.1999, p. 23. Deċiżjoni kif l-aħħar emodata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200,22.7.2006, p. 11).

- (3) Skond l-istqarrija konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni⁷ dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, l-strumenti li huma diġà fis-seħħ għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbi. Dik l-istqarrija tindika lista ta' strumenti li għandhom ikunu mibdula b'urġenza, inkluża d-Direttiva 2002/96/KE.
- (4) B'mod partikolari, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadatta l-Annessi u tadotta r-regoli għas-sorveljanza ta' konformità. Peress li dawk il-miżuri huma ta' natura ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi tad-Direttiva 2002/96/KE li mhumiex essenzjali u biex jikkumplimentawha biż-żieda ta' elementi ġodda li mhumiex essenzjali, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (5) Id-Direttiva 2002/96/KE għandha tiġi emmenda skond dan.
- (6) Peress li l-emendi li għandhom isiru fuq id-Direttiva 2002/96/KE huma tibdiliet ta' natura teknika li jikkonċernaw biss il-proċeduri tal-kumitat, m'hemmx għalfejn ikunu trasposti mill-Istati Membri. Għalhekk, m'huwiex neċċesarju li jitfasslu dispożizzjonijiet f'dan is-sens..

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2002/96/KE hija emmenda kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu qed jinbidel b'dan li ġej:

L-Anness II jista' jiġi emedat sabiex idaħħal teknoloġiji oħra ta' trattament li jiżguraw mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni għas-saħħha tal-bniedem u għall-ambjent. Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw l-elementi ta' din id-Direttiva li mhumiex essenzjali, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 14(3).

- (2) Fl-Artikolu 7 (3), it-tieni subparagrafu qed jinbidel b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli ddettaljati għas-sorveljanza ta' konformità, inklużi spċifikazzjonijiet għal materjali, ta' l-Istati Membri bil-miri mfassla fil-paragrafu 2. Dik il-miżura, mfassla sabiex temenda elementi ta' din id-Direttiva li mhumiex essenzjali billi tikkumplimentaha, għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 14(3). Il-Kummissjoni għandha tissottommetti dik il-miżura sa mhux aktar mit-13 ta' Awissu 2004.”

- (3) L-Artikolu 13 jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 13

Adattament għal progress xjentifiku u tekniku

⁷

ĠU C 255, 21.10.2006, p.1

Il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe emendi li jkunu meħtieġa sabiex tadatta l-Artikolu 7(3), l-Anness IB, b'mod partikolari bil-għan li potenzjalment iżżejjid id-dwal fid-djar, bozoz tal-filament u prodotti fotovoltaiċi, per eżempju, panewijiet solari, Anness II, partikolarmen billi tikkunsidra l-iżviluppi ġodda tekniċi għat-trattament tal-WEEE, u l-Annessi III u IV għall-progress xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi ta' din id-Direttiva li mhumiex essenzjali, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 14(3).

Qabel ma jiġu emendati l-Annessi, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta *inter alia*, il-produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku, riċiklaturi, operaturi tat-trattament ta' l-iskart, organizzazzjonijiet ambjentali u għaqdiet ta' l-impiegati u tal-konsumaturi.”

(4) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(a), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħhom.”

(5) Fl-Anness II, il-punt 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fi ħdan il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 14(3), il-Kummissjoni għandha bħala prioritā tevalwa jekk l-applikazzjonijiet għal bords stampati għal ċirkwiti għat-telefons ċellulari kif ukoll skrins tal-kristalli likwid għandhomx ikunu emendati.”

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħi fl-[...] ġurnata wara l-jum tal-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussell,[...]

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*